# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 26 ta' April 2022**

**Talba numru 24/2022SFJ**

**FRAMEGRIP INDUSTRIES LIMITED (C6641)**

**VS.**

**HI-TECH APERTURES LIMITED (C47407)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fl-20 ta' Jannar 2022 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet li s-soċjetà konvenuta tkun ikkundannata tħallsha s-somma ta' tlett elef u erba' mija u tnejn u ħamsin Ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€3,452.68) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' materjal u servizzi kkonsenjati u pprovduti lis-soċjetà konvenuta bl-ingrossa;

Ra li s-soċjetà konvenuta ġiet innotifikata fil-31 ta' Jannar 2022;

Ra li s-soċjetà konvenuta ma ppreżentat ebda Risposta, ma dehret għal ebda seduta u ma ppreżentat ebda dokumentazzjoni;

Qara l-affidavits, qara d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata, u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għas-26 ta' April 2022.

**Konsiderazzjonijiet**

Ġie ppreżentat affidavit ta' Paul Vella, li qal li huwa kien direttur tas-soċjetà attriċi. Is-soċjetà attriċi kienet forniet lis-soċjetà konvenuta b'oġġetti tal-aluminju relatati mat-twieqi kif ukoll installat l-istess oġġetti. Huwa spjega li Mauro Lombardi, direttur tas-soċjetà konvenuta, kien ħallas depożitu ta' €1,479.72, liema depożitu kien imnaqqas mit-total ta' €4,932.40. Għalhekk, l-ammont li kien fadal li jitħallas kien l-ammont mitlub permezz ta' din il-kawża.

Għal skopijiet ta' kompletezza, it-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata indipendentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Tenut kont ta' dan kollu, it-Tribunal huwa tal-fehma li f'dan il-każ, is-soċjetà attriċi rnexxielha tipprova dak allegat minnha sal-grad li titlob il-liġi u għalhekk m'hemm ebda raġuni li għaliha t-talbiet tagħha m'għandhomx jintlaqgħu.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, wara li ħa konjizzjoni tal-provi prodotti, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi limitatament jilqa' it-talbiet tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tlett elef u erba' mija u tnejn u ħamsin Ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€3,452.68).

It-Tribunal jiċħad il-parti tal-Avviż tat-Talba li permezz tagħha ntalbu l-ispejjeż ta' ittri uffiċjali u mandati ta' sekwestru stante li ma ġewx ippreżentati provi dwar l-istess.

Rigward interessi, it-Tribunal jordna li dawn jiġu kkalkulati b'rata mhux ogħla mir-rata massima li tippermetti l-liġi u huma dekorribbli mill-4 ta' Awwissu 2020 (id-data li fiha saru x-xogħlijiet) sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mis-soċjetà konvenuta.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**